# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' April 2002**

**Numru 1**

**Avviz. numru 172/00mm**

**Alfred Zammit**

**vs**

**Alfred Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fis-17 ta' Frar 2000 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jersaq ghall-likwidazzjoni u jhallas id-danni kkangunati minnu stante incident awtomobilistiku fl-1 ta' Settembru 1999 fis-2:45a.m. f'Notary Zarb Street, Attard meta il-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Daewoo Racer bin-numru ta' registrazzjoni KBC 307 u Joseph Zammit kien qed isuq il-vettura tal-marka Austin Mini bin-numru HAD 556 propjeta' ta' l-attur, liema ncident sehh tort unikament

tieghu minhabba f’imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, kif jirrizulta mill-anness rapport ta’ l-incident (Dok A).

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ai fini ta’ kompetenza jigi dikjarat illi d-danni ma jeccedux l-Lm1,000.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi ghal dak li talab l-attur ghandu jigi respint bl-ispejjez kontrih billi ghall-incident stradali “de quo” kien jahti d-driver tal-vettura tal-attur, jigifieri ibnu Joseph Zammit li ghandu jigi msejjah fil-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi dana huwa ncident tat-traffiku li gara f’Notary Zarb Street, Attard fit-tlieta neqsin kwart ta’ filghodu fl-1 ta’ Settembru 1999 bejn il-karozza HAD 556 tal-ghamla Mini Minor misjuqa mill-attur u l-karozza ta’ l-ghamla Daewoo bin-numru KBC 307 misjuqa mill-konvenut. Iz-zewg sewwieqa kienu qieghdin isuqu fid-direzzjoni opposta u habtu bejn wiehed u iehor f’nofs it-triq.

L-attur xehed illi huwa kien qed isuq il-karozza tieghu Mini mid-direzzjoni tar-Rabat lejn H'Attard. Bejn wiehed u iehor kien lahaq wasal hdejn it-*traffic lights* illi hemm fit-Triq Nutar Zarb,Attard meta f'daqqa wahda ra l-karozza l-ohra misjuqa mill-konvenut tigi ghal fuqu. Il-karozza Mini sofriet hsarat konsiderevoli, tant illi giet dikjarata *beyond economical repair* u kellha bhala *pre-accident value* l-ammont ta' mitejn lira (Lm200.00).

Il-konvenut minnaha l-ohra jghid illi kien qieghed isuq fl-istess triq fid-direzzjoni tar-Rabat, meta f'daqqa wahda ra l-karozza l-ohra misjuqa mill-attur tersaq lejn il-lemin ghal fuq il-karreggjata tieghu. Osserva illi s-sewwieq kellu rasu baxxuta fuq l-isteering u ghalhekk ipprova jevita l-habta billi hu wkoll ipprova jigbed lejn il-lemin fuq il-karreggjata opposta. L-attur induna b'dak illi kien qed jigri, nhasad u awtomatikament biddel id-direzzjoni tal-karozza tieghu lejn il-lemin u b'hekk sar l-incident. Ta' min josserva illi meta s-surgent mar biex jinvestiga l-kaz xamm rieha qawwija ta' xorb fuq il-persuna ta' l-attur u minkejja illi nsista mieghu illi jaghmel *breathalyzer* l-attur baqa' jirrifjuta, pero' peress illi kellu xi feriti s-surgent ma hax responsabbilta' u pprefera li l-ewwel imur l-isptar ghall-ezamijiet opportuni.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ma tistax ma titfax piz fuq ix-xhieda tas-Surgent meta jghid illi huwa xamm rieha qawwija ta' xorb

fuq l-attur. Filwaqt illi dana wahdu mhuwiex bizzejjed biex jerfa responsabbilta' ghal dan l-incident, pero' hija ndikazzjoni qawwija ta' l-istat fiziku ta' l-attur u l-kapacita tieghu li jirreagixxi ghal sitwazzjoni tat-triq kif tisvolgi quddiemu dak il-hin.

L-attur jaghti l-versjoni tieghu ta' dan l-incident b'mod illi l-agir tal-konvenut mhuwiex spjegabbli. L-attur ighid biss illi huwa kien qed isuq ghad-dritt meta f'daqqa wahda l-karozza l-ohra qasmet il-linja medjana u giet ghal fuqu u dana fil-parti tat-triq li hija relattivament dritta.

Minnaha l-ohra l-konvenut jaghti spjegazzjoni cara u grafika ta' dak illi gara b'mod illi l-Qorti jidhrilha illi din l-ispjegazzjoni hija aktar veritjera minn dik moghtija mill-attur. Jispjega illi l-attur kien jidher rasu baxxuta fuq l-isteering b'mod li ma kellhux kontrol shih tas-sitwazzjoni li kellu quddiemu. Ghalhekk hu probabbli li l-incident gara bil-mod kif spjega l-konvenut.

Fil-kawza fl-ismijiet Francis Paul Ebejer noe vs Malcolm Muscat deciza mill-Prim Awla fis-17 ta' Ottubru 1997 intqal illi fil-materja ta' kollizzjonijiet fost affarijiet ohra, l-attur irid l-ewwel nett jaghmel il-prova li l-incident awtomobilistiku nkwistjoni kien gara b'tort tal-konvenut. Din il-prova trid issir dejjem u jekk ma ssirx b'mod sodisfacenti l-Qorti ma tkunx tista tilqa' t-talbiet attrici. (Ara wkoll Joseph Rausi noe et vs John Muscat Qorti ta' l-Appell deciza fit-22 ta' Novembru 1995).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit

Dep Reg